A.L. 214 ta' l-1999

ATT TA' L-1993 DWAR SANZJONIJIET TAL-KUNSILL TAS-SIGUREZZA TAN-NAZZJONIJIET UNITI (ATT NRU. XX TA' L-1993)

Regolamenti ta' l-1999 dwar Sanzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti fir-rigward tat-Taliban

BIS-SAHHA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3 ta' l-Att ta' l-1993 dwar Sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurezza tan-Nazzjonijiet Uniti, il-Prim Ministru għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:–

1. Dawn ir-regolamenti jissejħu r-Regolamenti ta' l-1999 dwar Sanzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti fir-rigward tat-Taliban. Titolu.

2. F'dawn ir-regolamenti, sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra – Tifsir.

"l-Att" tfisser l-Att ta' l-1993 dwar Sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurezza tan-Nazzjonijiet Uniti;

"inġenji ta' l-ajru" tinkludi inġenji ta' l-ajru militari tat-Taliban fis-servizz tat-Taliban jew inġenji ta' l-ajru li, għalkemm ma jkunx inġenji militari, jkun proprjetà, mikri jew imħaddem minn jew f'isem it-Taliban;

"il-Kumitat" tfisser il-Kumitat imwaqqaf skond il-paragrafu 6 tar-Riżoluzzjoni msemmija fir-regolament 3 ta' dawn ir-regolamenti;

"persuna" tinkludi għaqda jew korp ieħor ta' persuni, sew jekk dik l-għaqda jew dak il-korp ikunu persuna ġuridika sew jekk le;

"Taliban" tfisser il-fazzjoni ta' l-Afganistan magħrufa bħala Taliban, li ssejjaħ ukoll lilha nnifisha Emirat Islamiku ta' l-Afganistan.

Test ta' riżoluzzjoni.

3. Għall-fini tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 3 ta' l-Att, ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurezza 1267 (1999) adottata mill-Kunsill tas-Sigurezza tan-Nazzjonijiet Uniti fil-15 ta' Ottubru, 1999, qegħda tiġi pubblikata fl-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

Applikazzjoni ta' sanzjonijiet.

4. (1) Minkejja kull liġi oħra, ma għandu jingħata ebda permess lil xi inġenji ta' l-ajru biex itir minn jew jinżel f'Malta jekk dan ikun proprjetà ta', mikri jew imħaddem minn jew f'isem it-Taliban ħlief bil-mod provdut fl-imsemmija Riżoluzzjoni.

Iżda d-dispożizzjonijiet ta' dan il-paragrafu ma għandhomx ikunu japplikaw għal titjiriet li jkunu ġew aprovati bil-quddiem mill-Kumitat minħabba fi bżonn umanitarju, inkluża kull obbligazzjoni reliġjuża bħall-Haġġ.

(2) Minkejja kull liġi oħra, ebda ċittadin ta' Malta u ebda persuna f'Malta ma għandha –

(a) sew direttament sew indirettament, tirtira jew tipprova tirtira jew tuża jew tipprova tuża fondi jew riżorsi finanzjarji oħra proprjetà ta' jew kontrollati mit-Taliban, sew direttament sew indirettament, jew minn xi impriża proprjetà ta' jew kontrollata mit-Taliban, ħlief kif provdut fir-Riżoluzzjoni msemmija;

(b) sew direttament sew indirettament, tħallas jew tittanta tħallas, lil jew għall-benefiċċju tat-Taliban jew ta' xi impriża proprjetà ta' jew kontrollata mit-Taliban, sew direttament sew indirettament, ħlief b'dak il-mod li jista' jiġi awtorizzat mill-Kumitat għal kull każ individwali minħabba fi bżonn umanitarju:

Iżda d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (b) ta' dan il-paragrafu ma għandhomx ikunu japplikaw għal fondi u riżorsi finanzjarji oħra li jistgħu jkunu awtorizzati mill-Kumitat għal kull każ individwali minħabba fi bżonn umanitarju, sakemm dawk il-fondi u riżorsi finanzjarji oħra jitħallsu f'kontijiet separati, għand il-Bank Ċentrali ta' Malta, li jkunu esklużivament għal dawk il-fondi.

Piena.

5. Kull min jinsab ħati ta' reat kontra dawn ir-regolamenti jeħel, meta jinsab ħati, multa ta' mhux iżjed minn ħamsin elf lira Maltija.